IL-BIRGU
Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

22 ta' Gunju, 2012

# Minuti tal-laqgha 04(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 04(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju, 2012 fis-6:00 ta' filghaxija.

**Prezenti**
Is-sur John Boxall, Sindku, is-sur Anton Gellel, Kunsillier, is-Sur Alan Cassar, Kunsillier, u s-Sur Lawrence Attard, Kunsillier.

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, kien skuzat peress li kien qieghed jirriprezenta lil Kunsill Lokali tal-Birgu barra min Malta fi progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea

**Talba.**
Is-sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgha 03(06), ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.2 (03/06) Gurnata Kulturali gewwa Ragusa

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-gurnata Kulturali gewwa Ragusa giet organizzata fid-9 ta' Gunju, 2012, fejn kien hemm konkorenza tajba mir-residenti. Is-Sindku zied jghid li r-residenti li attendew din il-gurnata kulturali taw kummenti pozittivi hafna u ssugerrew li terga' ssir.

1.2 Item 1.3 (03/06) L-Assocjazzjoni "ALDA"

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li huwa flimkien mal-Kunsillier Alan Cassar attendew ghal konferenza ta' din l-Assocjazzjoni li saret gewwa Udine fl-Italja bejn is-7 u l-10 ta' Gunju, 2012.

Is-Sindku tah rendikont ta' din l-konferenza u qal li din l-assocjazzjoni tikkoncentra fuq il-pajjizi Balkani, izda l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel diversi kuntatti. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel kuntatt ma' l-istuzzjonijiet li urew ix-xewqa li jahdmu mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 1.8 (03/06) L-Assocjazzjoni Walled Towns Friendship Circle.

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li bejn l-10 u t-13 ta' Mejju, saret l-konferenza ta' l-Assocjazzjoni tal-Walled Towns Friendship Circle gewwa Malta, liema konferenza giet organizzata flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, il-Belt ta' l-Imdina u l-Belt tar-Rabat, Ghawdex. Is-Sindku zied jghid li bejn id-19 u t-23 ta' Settembru, 2012, gewwa Gmund, fl-Austrija ser issir l-Laqgha Generali Annwali ta' din l-assocjazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku, s-Sur John Boxall, ssugerixxa li ghal din l-konferenza jattendi l-Kunsillier Lawrence Attard. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 1.10 (03/06)Sitwazzjoni tat-tindif fil-Birgu.

Is-Sindku, tah rendikont tas-sitwazzjoni prezenti tat-tindif fil-lokalita tal-Birgu, u ghal darb'ohra rega' sostna li l-Kunsill mhux kuntent bis-servizz mghotti min-naha tal-kuntrattur prezenti. Is-Sur Boxall, Sindku, zied jghid li d-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, s-Sur Carmel Abela, talab lil Kunsill sabiex issir laqgha bejn iz-zewg partijiet, jigifieri l-Kunsill flimkien mad-Direttur tal-Kumpanija Dimbros Ltd. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu gie deciz li ssir laqgha fil-Berga ta' Franza, fejn ghalija jkunu prezenti, d-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, d-direttur tal-kumpanija Dimbros Ltd, flimkien mal-Kunsiliera tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

1.5 Item 1.13 (03/06) Stedina mis-Sindku ta' St. Tropez.

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin issiru ghaz-zjara tieghu flimkien mal-Kunsillier Anton Gellel gewwa l-Belt ta' St. Tropez fi Franza bejn il-21 u t-23 ta' Gunju, 2012, ghal ftuh tat-tigrija "Le Trophee du Bailli de Suffren".

Wara diskussjoni, s-sur Lawrence Attard issugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghmel *souveniours* ta' l-istatwa tal-Vitorja li tinsab f'Misrah ir-Rebha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel "business cards usb sticks" fejn fuqha, wiehed jista' jsib diversi informazzjoni fuq il-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku talab lil Kunsillier Alan Cassar sabiex igib tlett kwotazzjonijiet

1.6 Item 1.14(03/06) Talba mil-Patrijiet Dumnikani

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex parti min Triq il-Palazz ta' l-Isqof ezattament dik il-parti bejn Triq il-Mina l-kbira u Triq il-Papa Alessandru, tinghata l-isem ghal Madonna tal-Lunzjata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Item 1.16(03/06) L-Attivita ta' Jum il-Birgu, 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tal-preparamenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed jaghmel ghal l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2012.

1.8 Item 1.18 (03/06) Is-Sitwazzjoni tat-toroq fil-Birgu

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li ser issir laqgha ma' rapprezentanti tal-Korporazzjoni ta' l-Enemalta sabiex il-Kunsill jara x'inhi l-intenzjoni ta' din il-korporazzjoni li ssir Triq il-Kardinal.

1.9 Item 1.21(03/06) Sotto-Kumitat maghmul mil-ghaqdiet tal-lokal

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex jintbaghat *reminder* lil dawk l-ghadiet kollha li ma bghatux ir-risposta taghhom ghat-talba tal-Kunsill biex jinnominaw persuna u sostitut taghha bhala membru fis-sotto-kumitat maghmul mil-ghaqdiet tal-lokal sabiex jibghatu r-risposta taghhom sa nhar it-Tnejn 18 ta' Gunju, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Item 2.3 (03/06) Kwotazzjoni ghal barriers.

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mil-kumpanija Parkwell International ghal ghaxar (10) *eco-barriers* ghal prezz ta' € 944. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex din il-kwotazzjoni tigi approvata u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.11 Item 5(03/06) Ftuh ufficjali tal-*Front office* fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni gie deciz li l-purtieri li saru ghal *front office* ghandhom jerghu issiru peress li dawn ma kienux saru kif mixtieq, ghal dan l-ufficju, u l-flus ghalihom inghataw b'donazzjoni u x-xoghol tal-hjata ser issir b'xejn. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jitlob kwotazzjonijiet ghad-dawl ghal l-ufficju tas-Segretarja Ezekuttiva kif ukoll ghal *boardroom.* Bi qbil unanimu l-kunsilliera prezenti taw il-fakulta lis-Sindku u lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex jaghzlu l-irhas offerta ghad-dawl ta' l-ufficju tas-Segretarja Ezekuttiva kif ukoll ghal dak tal-*boardroom.*

1.12 Item 7(03/06) Taghrif dwar is-sitwazzjoni fi Triq San Lawrenz.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera bis-sitwazzjoni prezenti tax-xoghlijiet fi Triq San Lawrenz, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghadu qieghed jistenna risposta min-naha tat-Transport Malta dwar meta ser jinghata bidu ghax-xoghlijiet.

1.13 Item 9.1(03/06) Laqgha mal-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsiliera li l-laqgha mal-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. kienet saret fejn fost suggerimenti ohra gie suggerit li l-ground tal-Fortini jinghata bit-tarmakk sabiex b'hekk sakemm jinbeda x-xoghol tat-turf sintetiku ikun jista' facilment jintuza' bhala parkegg. Is-Sindku pprezenta kopja tal-ittra mibghuta lis-Sur Laurence Seychell, Segretarju tal-Vittoriosa Stars F.C. fejn ntalab l-approvazzjoni tal-Kumitat sabiex dan il-ground jinghata bil-*hot asphalt.* Is-Sindku zied jghid li sa issa l-Kunsill ghadu minghajr risposta.

## 2. Korrispondenza

2.1 Talba mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi

Talba mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi sabiex jinghata l-permess biex issir it-toqba ghall-umbrella li tintrama fil-festa f'Misrah ir-Rebha, liema toqba meta ma tkunx qed tintuza tkun maghluqa b'tappiera. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel laqgha mas-Sur Christian Raggio sabiex tigi diskussa din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

2.2 Talba mis-Sur Andrew Bugeja – Wirja gewwa l-Berga ta' Franza

Talba mis-Sur Andrew Bugeja sabiex fl-okkazzjoni ta' Jum il-Birgu itella' wirja fuq tlett ijiem gewwa l-Berga ta' Franza, liema wirja, tkun tikkonsisti fi statwi kbar li wiehed isib armati fil-festi maltin. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu gie deciz, li decizjoni fuq din it-talba ghandha tittiehed aktar –il quddiem.

2.3 Talba Mil-Fondazzjoni Wirt Artna

Is-Sindku pprezenta talba mibghuta mis-sur Mario Farrugia, Chairman tal-Fondazzjoni Wirt Artna, sabiex temporanjament sakemm jitlesta x-xoghol fuq barra ta' Couvre Porte, jsir temporanjament sinjali li jindikaw kif tasal ghal Muzew tal-Gwerra li jinsab gewwa Couvre Porte. Wara diskussjoni l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill ghandu jaghti permess lis-Sur Mario Farrugia izda important ferm li l-ebda sinjal ma jigi mwahhal mas-swar.

2.3 Permess ghal tieg gewwa Couvre Porte

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta talba sabiex fi 28 ta' Gunju, 2015, gewwa Couvre Porte issir tieg. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba izda qabel ghandu jigi rivedut l-kuntratt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Il-Progett W.O.M.E.N

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mis-Sur Ray Abela, Direttur tat-TCTC sabiex japplika ghal progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht il-programm ESF, il-progett W.O.M.E.N, liema progett ser ikun jiffoka fuq l-participazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xoghol. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill gie mitlub ihallas l-ammont ta' € 300 ghal mili ta' l-applikazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jkun parti min dan il-progett u jhallas l-ammont dovut ta' € 300. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Dghajsa mitluqa fil-post maghruf bhala t-Toqba

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil kunsilliera li l-Kunsill sejjah laqgha ma' sid id-dghajsa li hemm abbandunata fil-post maghruf bhala t-Toqba, fejn ghal din il-laqgha ser ikun hemm prezenti l-Ispettur tal-Pulizija, is-Sur Frankie Sammut, kif ukoll l-avukata tal-Kunsill, id-dottoressa Alexandra Mizzi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Talba mid-Dipartiment ta' l-artijiet ghal permess ghal imwejjed u s-siggijiet ghal hanut "Tate"

Is-Sindku pprezenta email mibghuta mis-Sur Stefan Scotto, Perit fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, ghal permess ghal imwejjed u s-siggijiet ghal hanut "Tate" li jinsab fix-Xatt tal-Birgu. Is-Sindku ssugerixxa sabiex din it-talba tigi diskussa aktar –il quddiem minhabba verifiki l-Kunsill irid jaghmel qabel jiddeciedi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Prezentazzjoni tal-Audited Financial Statements u l-Management Letter minghand l-Awdituri tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku pprezenta kopja tal-Audited Financial Statements tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghas-sena 2011 kif ukoll l-*Management Letter* preprarata mil-Awdituri tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva taghti spjegazzjoni tal-financial statements fejn gie nnutat li d-deficit tal-Kunsill ghas-sena 2011 kien naqqas.

2.8 Laqgha ta' Konsultazzjoni : L-isfidi u l-opportunitajiet ghat-turizmu marittimu u dak kostali

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, l-MEUSAC ser torganizza laqgha ta' konsultazzjoni dwar l-isfidi u l-opportunitajiet ghat-turizmu marittimu u dak kostali. Is-Sindku zied jghid li ghal din il-laqgha ser jattendi l-kunsillier Anton Gellel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Il-Progett ta' Xatt ir-Rizq

Ittra minghand is-Sur Hector Chetcuti, Direttur fi Hdan it-Transport Malta, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu l-pjan ta' l-istess Kunsill sabiex z-zona ta' Xatt ir-Risq li ghada kif giet rrangata il-manutenzjoni taghha taqa' taht ir-responsabilta tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu talab laqgha mas-Sur Hector Chetcuti sabiex tigi diskussa f'aktar dettal din it-talba.

2.10 Berga ta' Franza

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta talba minghand il-MEPA sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jhallas l-ammont ta' € 6659.70 bhala garanzija bankarja ghal permess mitlub ghax-xogholijiet fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku zied jghid li wara l-parir li kien nghata minghand il-Perit tal-Kunsill, din l-applikazzjoni ghandha tithalla tiskadi.

2.11 Uzu ta' Couvre Porte

Talba minghand is-Sur Melvin Attard, ghan-nom ta' "The Malta Autism Centre" sabiex fl-14 ta' Lulju, 2012, f'Couvre Porte tigi organizzata attivita ta' pasta night. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba minghajr ebda hlas minhabba li din l-attivita hija relatata ma ghan filontropiku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Kors ta' tahrig offrut mil-kumpanija WasteServ Malta Ltd.

Ittra minghand is-Sur Matthew Mallia, mibghuta ghan-nom ta' Wasteserv Malta Ltd. fejn informa lil Kunsill li din il-kumpanija permezz tat-T.R.E.E. Centre ser inieghdu progett gdid fejn ser jigu offruti diversi korsijiet interessanti biex jaghtu iktar gharfien dwar il-qasam ambjentali kif ukoll dwar l-immanigjar ta' l-iskart. Is-Sindku zied jghid li dan il-kors huwa ta' hamsa u

ghoxrin siegha u t-total ta' partecipanti f'kull lezzjoni, ma tistax tkun ta' mhux aktar minn tnax-il persuna, u il-Kunsill irid ihallas l-ammont ta' € 660+ VAT. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li ghalkemm dan il-kors huwa wiehed interessanti, l-Kunsill ma jinsabx f'pozizzjoni finanzjarja tajba biex jorganizza dan il-kors.

2.13 Opportunita ghal partecipazzjoni tal-Kunsilliera fil-progett Erasmus

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex dawk il-kunsilliera kollha interessanti japplikaw biex jippartecipaw fil-progett Erasmus, ghal persuni eletti li m'ghandhom l-ebda esperjenza jew esperjenza limitata fil-kooperazzjoni fil-livel ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Sindku heggeg lil Kunsilliera sabiex japplikaw.

2.14 Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Is-Sindku, s-sur John Boxall, ipprezenta korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu lil Kunsilli kollha li huma interessati japplikaw ma' l-assocjazzjoni biex issir applikazzjoni wahda f'isem il-Kunsilli Lokali biex jitwettqu progetti dwar l-energija u t-tibdil fil-klima taht is-sejha mahruga mil-PPCD. Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill kien diga ghamel kuntatt mal-MEUSAC, biex jibdew l-preparamenti biex johloq progett u japplika taht din l-iskema.

2.15 Il-Progett "COHEIRS"

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Assocjazzjoni ALDA, li l-Kunsill huwa membru fiha, talbet lil membri interessati sabiex jekk huma interessati jissiehbu fil-progett "COHEIRS" – "Civic Observers for Health and Environment: Initiative for Responsability and Sustainability". Is-Sindku qal li l-Kunsill wera x-xewqa tieghu li jissieheb f'dan il-progett ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht is-sejha "Europe for Citizens Programme Action 1 – Measure 2.1".

2.16 Il-Progett " Cooperation with the Neighbouring Partner Countries of the European Union

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Assocjazzjoni ALDA, li l-Kunsill huwa membru fiha, talbet lil membri interessati sabiex jekk huma interessati jissiehbu fil-progett ""Cooperation with the Neighbouring Partner Countries of the European Union", progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht is-sejha "Youth in Action, Action 3.1". Is-Sindku qal li l-Kunsill wera x-xewqa tieghu li jissieheb f'dan il-progett.

2.17 Il-Progett "BRIDGE"

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Assocjazzjoni ALDA, li l-Kunsill huwa membru fiha, talbet lil membri interessati sabiex jekk huma interessati jissiehbu fil-progett "BRIDGE: Building, Reinforcing, Investing, Developing, Growing in Europe" progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht is-sejha "Europe for Citizens programme action 1, measure 2.2". Is-Sindku qal li l-Kunsill wera x-xewqa tieghu li jissieheb f'dan il-progett.

2.18 Il-Progett "GREENSLAND"

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bl-ghajnuna tal-kumpanija Paragon Europe, applika ghal progett taht is-sejha “Intelligent Energy Europe”. Il-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, ser ikun jiffoka fuq *Electric Vehicles.*

2.19 Il-Progett “S.A.L.A.M”

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li sfortunatament il-progett “SALAM”, progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea u li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien applika ghalih bl-ghajnuna ta’ l-Assocjazzjoni ALDA, ma giex accettat.

2.20 Mappa Turistika ghal Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, issugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippublika mappa turistika ghal Belt tal-Birgu, liema mappa tkun tindika l-postijiet ta’ interess li jinsabu f’din il-lokalita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u anke li dan ix-xoghol tal-pubblikazzjoni gie fdat f’idjen il-Kunsillier Anton Gellel.

2.21 Suggeriment mis-Socjeta Storika Kulturali Vittoriosa

Ittra minghand is-Sur Lorenzo Zahra, Segretarju tas-Socjeta Storika Kulturali Vittoriosa, fejn ghan-nom ta’ din is-socjeta ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghti l-isem ta’ “Il-Mina tal-Belt Vittoriosa” lil mina l-gdida li regghet giet mibnija fid-dhul ta’ din il-Belt. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu li dan issir u l-mina l-gdida tinghata l-isem “Il-Mina tal-Belt Vittoriosa”.

2.22 Talba mil-Kumitat Festi Esterni San Duminku – Permess ghal Festa ta’ San Duminku

Ittra minghand is-Sur Paul Farrugia, Segretarju tal-Kumitat tal-Festi Esterni San Duminku, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu, l-permess sabiex bejn is-Sibt 18 u l-Hadd 26 t’Awwissu titella’ l-Festa f’gieh San Duminku, fejn fost ohrajn ser jigu organizzati lejla socjali, marci u programme mil-banda Prince of Wales Own, kif ukoll l-armar tat-toroq u s-swar tal-Belt tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u jinghata l-permess mehtieg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 Talba mil-Kumitat Festi Esterni San Duminku – Permess ta’ no objection biex jigi sparat nar ta’ l-ajru miz-zona maghrufa bhala tal-Hawli.

Talba mil-Kumitat Festi Esterni San Duminku sabiex fil-granet tal-Festa ta’ San Duminku jinghata l-permess min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu biex jigi sparat nar ta’ l-ajru miz-zona ta’ Fuq tal-Hawli. Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta kopja ta’ l-ittra li l-Kunsill kien ircieva mid-Dipartiment ta’ l-Artijiet dwar hruq ta’ nar miz-zona maghrufa bhala “tal-glaziz” limiti ta’ Fuq tal-Hawli, fejn minghajr pregudizzju dan id-dipartiment stqar li ser izzom responsabli lil Kunsill Lokali tal-Birgu ghal hsarat li jistghu jsiru skond il-kundizzjonijiet tal-kirja. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill kien informa lil dan il-kumitat li mhux ser jibqa’ jinghata l-permess li jinharaq in-nar min din iz-zona. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu gie deciz li din it-talba ma tigix approvata.

2.24 Progett ta’ *Street Furniture* maghmul minn student universitarji

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li s-sur Patrick Galea, *lecturer* gewwa l-Universita ta' Malta ghazel lil Belt tal-Birgu, flimkien mal-Belt ta' L-Imdina, l-Isla u l-villaggi ta' Hal Safi, Xaghra u Xewkija, sabiex l-istudenti universarji li qeghdin fil-kors ta' l-arkitettura joholqu progetti ta' *street furniture* f'zoni partikolari, f'dawn il-lokalitajiet. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Belt tal-Birgu tkun parti min dan il-progett u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.25 <u>Performance Bonus tas-Sinjorina Anthea Vella</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill, l-*appraisal* ta' l-ex haddiema klerikali tieghu s-sinjorina Anthea Vella, ppreparat mis-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello, sabiex jigi approvat il-*performance bonus* taghha. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu joqghod ghal pariri li nghatawlu mis-Segretarja Ezekuttiva, u ghandu japprova sabiex is-Sinjorina Anthea Vella, tinghata 4% *performance bonus*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.26 <u>Kwotazzjonijiet ghal *Television* ghal *Front Office* ta' l-Ufficini Amministrattivi l-godda fil-Berga ta' Franza</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta tlett kwotazzjonijiet ghal *television* ghall-ufficini l-godda gewwa l-berga ta' Franza. Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva tlett kwotazzjonijiet dik minghand il-kumpanija Tip Top Electronics ghal 46" LED Tv ghal prezz ta' € 799, dik minghand il-kumpanija Cutajar Ltd. ghal 47" LED ghal prezz ta' € 1199, kif ukoll dik tal-kumpanija Digital Planet ghal 47" LED ghal prezz ta' € 820. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta dik tal-kumpanija Tip top Electronics ghal prezz ta' € 799. Il-Kunsillier Alan Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu

2.27 <u>Kwotazzjoni ghal 1200 *business cards* ghal Kunsilliera u s-Segretarja Ezekuttiva</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill talab kwotazzjonijiet sabiex issiru 1200 *business cards* ghal Kunsilliera u s-Segretarja Ezekuttiva. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Veritas Press ghal prezz ta' €88.50, kwotazzjoni minghand il-kumpanija BestPrint Ltd. Ghal prezz ta' €123.90. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill talab ukoll kwotazzjoni minghand l-Kumpanija UV Print, izda dawn ma bghatu l-ebda risposta. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex din il-kwotazzjoni tigi approvata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.28 <u>Kwotazzjoni ghal complimentary slips</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta tlett kwotazzjonijiet ghal *complimentary slips* ghal Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva tlett kwotazzjonijiet dik tal-kumpanija Veritas Press ghal prezz ta' € 118, dik tal-kumpanija Best Print ghal prezz ta' € 123.90 u dik tal-kumpanija Sunland Printers ghal prezz ta' € 129.80. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta, dik tal-kumpanija Veritas Press. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.29 <u>Sejha ghal xoghol ta' skrivan/a ghal progetti ta' l-Unjoni Ewropea fuq bazi part-time</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-sejha ghal xoghol ta' skrivan/a ghal progetti ta' l-Unjoni Ewropea fuq bazi part-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, nghata l-permess mil-

Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig sabiex din l-applikazzjoni tigi ppublikata ppublikament. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jircievi diversi applikazzjonijiet minghand persuni kompetenti.

## 3. Holqien ta' fond finanzjarju ghal residenti bi bzonnijiet specjali

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera bl-idea li jigi mahluq fond finanzjarju ghal residenti tal-Birgu bi jew fi bzonnijiet specjali, liema fond ikun amministrat min statut li jirregollarizah u min board independentament mil-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li dan il-fond finanzjarju jkun amministrat min bord maghmul mis-Sur Paul Bezzina bhala Chairman, is-Sur Charles Camilleri bhala Segretarju u s-Sur Joseph Bezzina bhala tezorier. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu.

## 4. L-attivitajiet tal-BirguFest 2012

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal l-attivita tal-BirguFest 2012. Is-Sindku zied jghid li sa issa saret l-ewwel laqgha tas-sotto-kumitat tal-BirguFest 2012 u t-tieni laqgha ser issir fl-20 ta' Gunju. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid, li bl-ghajnuna tal-progett Oralities, hafna mil-ispejjez ta' din l-attivita, ser jigu koperti min dan il-progett parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea.

## 5. Taghrif dwar il-progett "Oralities"

Is-Sindku tah rendikont tal-progett parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett Oralities, kif ukoll tal-konferenza li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva s-Sinjorina Christine Bonello, attendew ghalija gewwa Evora bejn it-27 u d-29 ta' Mejju, 2012.

## 6. Taghrif dwar il-progett "Seatoland"

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-progett Seatoland parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea u li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab membru fih. Is-Sindku zied jghid li min Malta barra l-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab msieheb f'dan il-progett, il-Fondazzjoni Wirt Artna.

## 7. Taghrif dwar il-progett "SECRET"

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tal-konferenza tal-progett "SECRET" li saret fil-Belt tal-Birgu bejn l-10 u t-13 ta' Mejju, 2012. Is-Sindku zied jghid li l-konferenza kienet wahda ta' success u qal li bejn it-28 u t-30 ta' Gunju, 2012, ser issir l-ahhar konferenza ta' dan il-progett gewwa l-belt ta' Volos fi Grecja. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li ghal din il-konferenza jattendi huwa flimkien ma' l-iskrivana s-Sinjura Moira Azzopardi li hija responsabli min dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Taghrif dwar il-progett taht is-sejha "Youth in Action" iffinanzjati mil-Unjoni Ewropea

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bl-ghajnuna tal-MEUSAC applika ghal zewg progetti iffinanzjati mil-Unjoni Ewropea taht is-sejha "Youth in Action". Is-Sindku qal li l-Kunsill applika ghal progett taht il-programm "Youth Initiative", fejn sfortunatament l-progett ma kienx eligibli minhabba li Gvern Lokali ma jistax japplika ghal dan il-programm. Is-Sindku qal li l-

Kunsill applika ukoll ghal progett ta' "Youth Exchange" flimkien mal-Belt ta' Belvi f'Sardinja, liema progett huwa eligibli. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta dwar ir-rizultati finali ta' dawn il-progetti.

**9. <u>Pubblikazzjoni ta' ktieb interattiv fuq il-Belt tal-Birgu</u>**

Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera kopja tal-ktieb interrativ fuq il-Belt tal-Birgu li ser jigi ppublikat mil-kumpanija Miller Distributors Ltd.Is-Sindku hawnhekk ipprezenta kwotazzjoni ghal pubblikazzjoni ta' 1500 kopja ta' dan il-ktieb bil-*logo* tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal prezz totali ta' € 2000. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din il-kowtazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10. <u>Taghrif dwar il-progett tal-qlugh ta' l-aerials fil-lokalita</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-progett tal-qlugh ta' l-aerials minghajr uzumin fuq il-bjut, fil-lokalita tal-Birgu fejn sa issa nqalghu madwar 90 *aerial* minghand ir-residenzi tal-lokal. Is-Sindku stqar li dan il-progett kien wiehed ta' success. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**11. <u>Affarijiet ohra</u>**

11.1 <u>Lista ta' pagamenti.</u>

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11.2 <u>Ittra lil Prim Ministru dwar is-sitwazzjoi ta' Triq San Lawrenz</u>

Il-Kunsillier Anton Gellel ipprezenta *draft* ta' ittra li fl-opinjoni tieghu ghandha tintbaghat lil Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, dwar is-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz. Il-Kunsillier Anton Gellel, qal li f'din is-sitwazzjoni, l-intervent tal-Prim Ministru huwa indispensabli. Is-Sindku s-sur John Boxall ssekonda s-suggeriment tas-Sur Gellel sabiex tintbaghat ittra lil Prim Ministru biex tigi spjegata is-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz u jintalab l-intervent dirett tieghu.

Il-Laqgha ntemmet fi 9:30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 12 ta' Lulju fi 5:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |